**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Rik. Gur. Nru: 26/2017JPG
Appuntata: 22/3/2017

[redacted]

*vs*

[redacted]

**Risposta Guramentata tal-Konvenuti [redacted] u [redacted] konjugi [redacted] (K.I.: [redacted] u [redacted] rispettivament);**

Jesponu bir-rispett u [redacted] bil-gurament tieghu jikkonferma s-segwenti fatti liema fatti huwa jaf bihom personalment:

1. Illi fis-27 ta' Novembru 2014, il-genituri tal-esponenti [redacted] ([redacted] u [redacted] sive [redacted] konjugi [redacted]) dahlu f'konvenju mal-familja tal-attur, maghdud maghhom l-istess attur quddiem in-Nutar [redacted] sabiex jakkwistaw *farmhouse* u *circa* hamest (5) itmiem raba'. Kopja tal-konvenju tinsab annessa u mmarkata "Dok. A";

2. Illi l-kuntratt kellu jsir ghall-habta ta' Ottubru 2015 (stante estensjonijiet fil-mori tal-konvenju) u fil-frattemp saru arrangamenti bejn il-konjugi [redacted] u l-esponenti [redacted] sabiex il-proprjeta tigi akkwistata mill-istess esponenti;

3. Illi madankollu madwar hames gimghat qabel ma kellhom jersqu ghall-kuntratt, il-vendituri (maghdud l-attur odjern) infurmaw lill-esponenti li parti kbira mill-art in vendita ma kienetx tappartjeni lilhom u kull ma kellhom xi jbieghu kien madwar tomna raba' u l-*farmhouse*. Irrizulta li l-proprjeta kienet ta' certu ahwa [redacted] u ohrajn li ghalihom kien jidher l-Avukat [redacted];

4. Illi l-vendituri taw l-ghazla lill-esponenti li jakkwistaw il-*farmhouse* u l-art li kienet appartenenti lilhom versu prezz ridott sabiex imbaghad l-esponenti jirrikorru ghand l-Avukat [redacted] sabiex jakkwistaw il-bqija tal-proprjeta. L-esponenti accettaw u b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-24 ta' Novembru 2015 (Dok. B) akkwistaw il-*farmhouse* bl-arja u s-sottoswol relattiv maghrufa bhala "Saint Paul Farmhouse" gewwa d-Dwejra limiti tar-Rabat ta' Malta liema *farmhouse* hi mibnija fuq l-art maghrufa bhala "Ix-Xaghra tal-Ghattuqa" jew "Ix-Xaghra tal-Knisja" accessibbli minn triq privata li taghti ghal fuq Triq San Pawl tal-Qlejgha tal-kejl ta' circa elf mija u disghin metru kwadru (1,190m$^2$) u tikkonfina min-nofsinhar ma' beni ta' [redacted], mit-tramuntana ma' beni ta' [redacted] u mil-lvant ma' beni komuni tal-familja [redacted] u ohrajn;

5. Illi fl-istess jum u fl-Atti tal-istess Nutar, l-esponenti akkwistaw ukoll art adjagenti mal-*farmhouse* u dan minghand ahwa tal-Attur. Fil-fatt b'kuntratt li sar ma' [redacted] u [redacted] konjugi [redacted], kopja anness u mmarkata "Dok. C", l-esponenti akkwista ghalqa ta' *circa* mitejn u hdax-il metru kwadru (211m$^2$) fl-istess inhawi appena deskritta u konfinanti mill-punent ma' proprjeta ta' [redacted], min-nofsinhar u mit-tramuntana ma' dawk li gew deskritti bhala passaggi komuni. Kontestwalment, b'kuntratt iehor li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata "Dok. D", l-esponenti akkwistaw ukoll bicca art ohra ta' *circa* mitejn u tletin metru kwadru (230m$^2$) li tikonfina mil-lvant mal-proprjeta appena deskritta, mill-punent ma' beni tal-eredi ta' [redacted] u min-nofsinhar ma' dak li qed jigi deskritt bhala passagg komuni;

6. Illi fl-istess zmien, l-esponenti bdew jitkellmu mal-Avukat [redacted] sabiex jakkwistaw parti mill-art minn dik li kienet originarjament inkluza fil-konvenju mal-attur u hutu;

7. Illi sadanittant, permezz ta' zewg kuntratti fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-4 ta' Marzu 2016, l-esponenti [redacted] akkwista minghand [redacted] u [redacted] konjugi [redacted] bicca art ta' *circa* mitejn u tlieta u ghoxrin punt hamsa metri kwadri (223.5m$^2$) dejjem fl-istess inhawi u tikkonfina mil-lvant ma' beni ta' [redacted], mit-tramuntana ma' beni tal-esponenti u min-nofsinhar ma' beni ta' [redacted]. Gie trasferit ukoll jedd ta' passagg. Kopja ta' dan il-kuntratt qed tigi annessa u mmarkata "Dok. E." Kontestwalment, l-esponenti akkwistaw minghand [redacted] bicca art ta' *circa* tlitt mija u tmienja u hamsin punt sitta metri kwadri (358.6m$^2$) dejjem fl-istess inhawi u tikkonfina mit-tramuntana u mix-xlokk ma' beni tal-esponenti u min-nofsinhar ma' beni tal-Familja [redacted]. Kopja ta' dan il-kuntratt qed tigi annessa u mmarkata "Dok. F";

8. Illi fl-istess waqt l-esponenti kienu qieghdin jitrattaw mal-Avukat [redacted] sabiex jakkwistaw minghand il-kostitwenti tieghu. F'dan il-punt, l-attur avvicina lill-esponenti sabiex jakkwista bicca art adjagenti kontestwalment mieghu minghand l-istess avukat prokuratur. Gara izda li minhabba cirkostanzi personali tal-attur, dan ma resaqx ghan-negozju;

9. Illi sadanittant, l-esponenti [redacted] akkwistat minghand [redacted] u [redacted] ahwa [redacted] l-art fl-istess inhawi tal-kejl ta' *circa* disa' mija u disgha u disghjin metru kwadru (999m$^2$) liema art tikkonfina mil-lvant ma' Triq Tas-Salib u mit-tramuntana u min-nofsinhar ma' ma' art ohra li kienet inqasmet b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-12 ta' Marzu 2015 u dan in segwitu ghal sentenza tat-Tribunal tal-Qsim tal-Wirt tal-14 ta' Frar 2014 fl-ismijiet "[redacted] *et vs* [redacted] et". Kopja ta' dan il-kuntratt li sar fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-22 ta' Dicembru 2015 qed tigi annessa u mmarkata bhala "Dok. G";

10. Illi f'dan l-istadju, l-esponenti [redacted] akkwistat minghand l-Avukat [redacted] bhala mandatarju ta' [redacted] l-art mertu tal-kawza dejjem fl-istess inhawi tal-kejl ta' *circa* disa' mija u disgha u disghin metru kwadru (999m$^2$) liema art tikkonfina mill-majjistral ma'

proprjeta tal-esponenti, mil-lvant ma' Triq Tas-Salib u mill-punent ma' beni tal-familja [redacted] Kopja ta' dan il-kuntratt li saret fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-22 ta' Frar 2016 qed tigi annessa u mmarkata bhala "Dok. H". Jigi rilevat li din l-art ukoll kienet inqasmet bil-kuntratt fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-12 ta' Marzu 2015;

11. Illi sussegwentement, l-attur avvicina lill-esponenti u talbu sabiex ibieghlu parti mill-art li kien akkwista minghand l-Avukat [redacted] *nomine*, u cjoe dik il-parti fejn hemm mibni *garage* u kamra tal-fniek u tliet piedi mal-genb tat-tul taghhom, tal-kejl komplessiv ta' *circa* wiehed u hamsin metru kwadru ($51m^2$). Dawn il-beni jaghmlu parti mill-art mertu tal-kawza li issa l-attur qieghed jghid li saret tieghu bil-preskrizzjoni akkwizittiva;

12. Illi wara li l-esponenti akkwistaw il-proprjeta mertu tal-kawza minghand l-Avukat [redacted] *nomine*, l-esponenti ghaddew sabiex jaghmlu xi xogholijiet fuq l-art li kienu akkwistaw. L-attur mhux talli ma weriex oppozizzjoni, talli kien sahansitra jmur jassisti fix-xoghol tal-bini;

13. Illi sadanittant bejn Jannar 2016 sa Ottubru 2016 l-attur u ibnu [redacted] baqghu jitolbu lill-esponenti sabiex ibieghlhom il-parti zghira ta' circa $51m^2$ u meta ma waslux ghal ftehim l-attur u ibnu bdew jivvantaw pretensjonijiet li wasslu ghal din il-kawza;

Tant dikjarat l-esponenti jeccepixxu dan li gej:

1. Preliminarjament, illi t-talbiet fl-azzjoni odjerna – reivendicatoria – ma jistghux jintlaqghu stante n-nuqqas ta' talba ghar-rexxissjoni tal-atti li bihom l-esponenti akkwistaw il-proprjeta *de quo* u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ghandhom jigu kjamati fil-kawza (i) l-eredi ta' [redacted] li minghandu l-esponenti akkwistaw il-beni mertu tal-kawza u dan anke in vista tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 1422 tal-Kap. 16; u (ii) persuni ohra li minghandhom l-esponenti akkwistaw proprjeta accessibbli mill-proprjeta mertu tal-kawza;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici ma jistghux jirnexxu stante li ma jissustixxux l-elementi ghall-preskrizzjoni akkwizittiva u fi kwalunkwe kaz kien hemm interruzzjoni tal-perjodu mehtieg ghall-*usucapionem*;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi anke li kieku l-attur akkwista xi dritt, certament li tali dritt ma jestendix ghall-art kollha mertu tal-kawza;

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fir-rigward tat-talba ghall-ispejjez, mghandux jittiehed qies tal-ispejjez tal-mandat ta' inibizzjoni stante li hemm intendiment divers verbalizzat f'atti ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, bejn il-kontendenti;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Avv. John Bonello P.L. [redacted]
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Rik. Gur. Nru: 26/2017JPG
Appuntata: 22/3/2017

[redacted]

*vs*

[redacted] *et*

**Lista tax-Xhieda;**

L-esponenti ghall-konferma tal-fatti u sabiex jixhdu dwar il-mertu;

Ix-xhieda kollha indikati mill-attur sabiex jixhdu in kontro-ezami u bhala xhieda tal-esponenti dwar il-mertu;

Il-persuni kollha li l-esponenti akkwistaw proprjeta minghandhom inkluz [redacted] l-attur [redacted], [redacted], l-eredi ta' [redacted], isimhom mhux maghruf, u l-Avukat [redacted] ilkoll sabiex jixhdu dwar il-proprjeta mertu tal-kawza;

[redacted], li kienet is-sensara fin-negozju bejn l-attur u hutu u l-esponenti sabiex tixhed dwar l-iskambji li hi edotta minnhom;

Registratur, Qrati Civili u Tribunali sabiex jixhed dwar atti gudizzjarji li jirrigwardaw l-art mertu tal-kawza inkluz l-atti ta' bejn il-partijiet, l-atti tal-kawza ta' qasma u kawzi ohrajn li kien hemm dwar ix-Xaghra tal-Ghattuqa;

Qraba u hbieb tal-kontendenti sabiex jixhdu dwar il-mertu tal-kawza, inkluz iben l-Attur [redacted]; omm u missier l-esponenti [redacted] u cjoe [redacted] u [redacted]; missier l-esponenti [redacted]; hut l-esponenti [redacted] u [redacted], u habib tal-esponenti [redacted];

Persuni li ghamlu xogholijiet fil-proprjeta tal-esponenti, inkluz [redacted], [redacted], [redacted] u ohrajn isimhom mhux maghruf sabiex jixhdu dwar il-mertu tal-kawza;

Rapprezentanti tas-*service providers* tat-telefon sabiex jixhdu dwar telekomunikazzjonijiet bejn il-kontendenti;

In-Nutara [redacted], [redacted] u [redacted] jew il-konservatur tal-atti taghhom sabiex jixhdu dwar atti li jirrigwardaw l-art mertu tal-kawza;

Il-Perit [redacted] sabiex jixhed dwar il-mertu;

[redacted] sabiex jixhed dwar negozju fuq art fil-vicin;

Rapprezentanti tal-Awtorita tal-Ippjanar u tal-Awtorita tal-Ambjent sabiex jixhdu dwar il-proprjeta *de quo* u l-permessi relattivi;

Persuni li kienu jikru jew jonsbu fil-vicinanzi tal-proprjeta *de quo*.

Avv. John Bonello

P.L. [redacted]

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża

Rik. Gur. Nru: 26/2017JPG
Appuntata: 22/3/2017

[redacted]

*vs*

[redacted] *et*

**Kontro-Talba tal-Konvenuti [redacted] u [redacted] konjugi [redacted] (K.I.: [redacted] u [redacted] rispettivament);**

Jesponu bir-rispett u [redacted] bil-gurament tieghu jikkonferma s-segwenti fatti liema fatti huwa jaf bihom personalment:

1. Illi fis-27 ta' Novembru 2014, il-genituri tal-esponenti [redacted] ([redacted] u [redacted] sive [redacted] konjugi [redacted]) dahlu f'konvenju mal-familja tal-attur, maghdud maghhom l-istess attur quddiem in-Nutar [redacted] sabiex jakkwistaw *farmhouse* u *circa* hamest (5) itmiem raba'. Kopja tal-konvenju tinsab annessa u mmarkata "Dok. A";

2. Illi l-kuntratt kellu jsir ghall-habta ta' Ottubru 2015 (stante estensjonijiet fil-mori tal-konvenju) u fil-frattemp saru arrangamenti bejn il-konjugi [redacted] u l-esponenti [redacted] sabiex il-proprjeta tigi akkwistata mill-istess esponenti;

3. Illi madankollu madwar hames gimghat qabel ma kellhom jersqu ghall-kuntratt, il-vendituri (maghdud l-attur odjern) infurmaw lill-esponenti li parti kbira mill-art in vendita ma kienetx tappartjeni lilhom u kull ma kellhom xi jbieghu kien madwar tomna raba' u l-*farmhouse*. Irrizulta li l-proprjeta kienet ta' certu ahwa [redacted] u ohrajn li ghalihom kien jidher l-Avukat [redacted];

4. Illi l-vendituri taw l-ghazla lill-esponenti li jakkwistaw il-*farmhouse* u l-art li kienet appartenenti lilhom versu prezz ridott sabiex imbaghad l-esponenti jirrikorru ghand l-Avukat [redacted] sabiex jakkwistaw il-bqija tal-

proprjeta. L-esponenti accettaw u b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-24 ta' Novembru 2015 (Dok. B) akkwistaw il-*farmhouse* bl-arja u s-sottoswol relattiv maghrufa bhala "Saint Paul Farmhouse" gewwa d-Dwejra limiti tar-Rabat ta' Malta liema *farmhouse* hi mibnija fuq l-art maghrufa bhala "Ix-Xaghra tal-Ghattuqa" jew "Ix-Xaghra tal-Knisja" accessibbli minn triq privata li taghti ghal fuq Triq San Pawl tal-Qlejgha tal-kejl ta' circa elf mija u disghin metru kwadru (1,190m$^2$) u tikkonfina min-nofsinhar ma' beni ta' [redacted], mit-tramuntana ma' beni ta' [redacted] u mil-lvant ma' beni komuni tal-familja [redacted] u ohrajn;

5. Illi fl-istess jum u fl-Atti tal-istess Nutar, l-esponenti akkwistaw ukoll art adjagenti mal-*farmhouse* u dan minghand ahwa tal-Attur. Fil-fatt b'kuntratt li sar ma' [redacted] u [redacted] konjugi [redacted], kopja anness u mmarkata "Dok. C", l-esponenti akkwista ghalqa ta' *circa* mitejn u hdax-il metru kwadru (211m$^2$) fl-istess inhawi appena deskritta u konfinanti mill-punent ma' proprjeta ta' [redacted], min-nofsinhar u mit-tramuntana ma' dawk li gew deskritti bhala passaggi komuni. Kontestwalment, b'kuntratt iehor li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata "Dok. D", l-esponenti akkwistaw ukoll bicca art ohra ta' *circa* mitejn u tletin metru kwadru (230m$^2$) li tikonfina mil-lvant mal-proprjeta appena deskritta, mill-punent ma' beni tal-eredi ta' [redacted] u min-nofsinhar ma' dak li qed jigi deskritt bhala passagg komuni;

6. Illi fl-istess zmien, l-esponenti bdew jitkellmu mal-Avukat [redacted] sabiex jakkwistaw parti mill-art minn dik li kienet originarjament inkluza fil-konvenju mal-attur u hutu;

7. Illi sadanittant, permezz ta' zewg kuntratti fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-4 ta' Marzu 2016, l-esponenti [redacted] akkwista minghand [redacted] u [redacted] konjugi [redacted] bicca art ta' *circa* mitejn u tlieta u ghoxrin punt hamsa metri kwadri (223.5m$^2$) dejjem fl-istess inhawi u tikkonfina mil-lvant ma' beni ta' [redacted], mit-tramuntana ma' beni tal-esponenti u min-nofsinhar ma' beni ta' [redacted]. Gie trasferit ukoll jedd ta' passagg. Kopja ta' dan il-kuntratt qed tigi annessa u mmarkata "Dok. E." Kontestwalment, l-esponenti akkwistaw minghand [redacted] bicca art ta' *circa* tlitt mija u tmienja u hamsin punt sitta metri kwadri (358.6m$^2$) dejjem fl-istess inhawi u tikkonfina mit-tramuntana u mix-xlokk ma' beni tal-esponenti u min-nofsinhar ma' beni tal-Familja [redacted]. Kopja ta' dan il-kuntratt qed tigi annessa u mmarkata "Dok. F";

8. Illi fl-istess waqt l-esponenti kienu qieghdin jitrattaw mal-Avukat [redacted] sabiex jakkwistaw minghand il-kostitwenti tieghu. F'dan il-punt, l-attur avvicina lill-esponenti sabiex jakkwista bicca art adjagenti kontestwalment mieghu minghand l-istess avukat prokuratur. Gara izda li minhabba cirkostanzi personali tal-attur, dan ma resaqx ghan-negozju;

9. Illi sadanittant, l-esponenti [redacted] akkwistat minghand [redacted] u [redacted] ahwa [redacted] l-art fl-istess inhawi tal-kejl ta' *circa* disa' mija u disgha u disghjin metru kwadru (999m$^2$) liema art tikkonfina mil-lvant ma' Triq Tas-Salib u mit-tramuntana u min-nofsinhar ma' ma' art ohra li kienet

inqasmet b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-12 ta' Marzu 2015 u dan in segwitu ghal sentenza tat-Tribunal tal-Qsim tal-Wirt tal-14 ta' Frar 2014 fl-ismijiet "[redacted] *et vs* [redacted] et". Kopja ta' dan il-kuntratt li sar fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-22 ta' Dicembru 2015 qed tigi annessa u mmarkata bhala "Dok. G";

10. Illi f'dan l-istadju, l-esponenti [redacted] akkwistat minghand l-Avukat [redacted] bhala mandatarju ta' [redacted] l-art mertu tal-kawza odjerna dejjem fl-istess inhawi tal-kejl ta' *circa* disa' mija u disgha u disghin metru kwadru (999m$^2$) liema art tikkonfina mill-majjistral ma' proprjeta tal-esponenti, mil-lvant ma' Triq Tas-Salib u mill-punent ma' beni tal-familja [redacted]. Kopja ta' dan il-kuntratt li saret fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-22 ta' Frar 2016 qed tigi annessa u mmarkata bhala "Dok. H". Jigi rilevat li din l-art ukoll kienet inqasmet bil-kuntratt fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-12 ta' Marzu 2015;

11. Illi sussegwentement, l-attur avvicina lill-esponenti u talbu sabiex ibieghlu parti mill-art li kien akkwista minghand l-Avukat [redacted] *nomine*, u cjoe dik il-parti fejn hemm mibni *garage* u kamra tal-fniek u tliet piedi mal-genb tat-tul taghhom, tal-kejl komplessiv ta' *circa* wiehed u hamsin metru kwadru (51m$^2$). Dawn il-beni jaghmlu parti mill-art mertu tal-kawza li issa l-attur qieghed jghid li saret tieghu bil-preskrizzjoni akkwizittiva;

12. Illi wara li l-esponenti akkwistaw il-proprjeta mertu tal-kawza minghand l-Avukat [redacted] *nomine*, l-esponenti ghaddew sabiex jaghmlu xi xogholijiet fuq l-art li kienu akkwistaw. L-attur mhux talli ma weriex oppozizzjoni, talli kien sahansitra jmur jassisti fix-xoghol tal-bini;

13. Illi sadanittant bejn Jannar 2016 sa Ottubru 2016 l-attur u ibnu [redacted] baqghu jitolbu lill-esponenti sabiex ibieghlhom il-parti zghira ta' circa 51m$^2$ u meta ma waslux ghal ftehim l-attur u ibnu bdew jivvantaw pretensjonijiet li wasslu ghal din il-kawza;

14. Illi l-attur rikonvenzjonat ingombra xi ambjenti gewwa l-proprjeta tal-mittenti inkluz billi qieghed imbarazz, karozzi zbingati u skart iehor u dan minghajr ebda jedd jew titlu validu fil-ligi. Kien anke bena xi strutturi. Ghalhekk, permezz ta' ittra bonarja tat-22 ta' Novembru 2016 – li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata "Dok. I", l-esponenti interpellaw lill-attur rikonvenzjonant sabiex jizgombra mill-ambjenti minnu okkupati u sabiex inaddaf l-istess u jirripristina kollox ghal li kien qabel ma invada l-beni *de quo*;

15. Illi rinfaccjat b'dan, l-attur rikonvenzjonat ghazel li ma jwegibx u minflok ghadda sabiex jipprezenta rikors ghall-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni biex izomm lill-esponenti milli jaghmlu xoghol fi hwejjighom;

16. Illi l-esponenti qeghdin jirrekaw danni b'rizultat tal-agir tal-attur rikonvenzjonat li minhabba fih mhux biss mhumiex igawdu l-proprjeta mertu tal-kawza odjerna imma anke proprjeta ohra li l-esponenti ghandhom fl-istess inhawi kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

17. Illi dawn id-danni jinkludu *lucrum cessans* minhabba li l-esponenti ma jistghux javvallaw rwiehhom mill-proprjeta taghhom u spejjez ohra minhabba li x-xogholijiet ma jistghux isiru kif prospettat. Inoltre, minhabba li l-attur rikonvenzjonant xehet hafna imbarazz u skart fil-proprjeta tal-esponenti, l-esponenti jistghu jispiccaw ikollhom jaghmlu tajjeb kemm ghal multi kif ukoll ghar-ripristinar tal-istess proprjeta;

18. Illi ghalhekk kellha ssir l-odjerna kontro-talba;

Illi r-raguni ta' din il-kontro-talba hi li l-esponenti huma proprjetarji ta' beni immobiljari fil-limiti tar-Rabat jew l-Imgarr ta' Malta fil-hâra maghrufa bhala x-Xaghra tal-Ghattuqa inkluz ta' bicca art tal-kejl ta' *circa* disa' mija u disgha u disghjin metru kwadru (999m$^2$) liema art tikkonfina mill-majjistral ma' proprjeta tal-esponenti, mil-lvant ma' Triq Tas-Salib u mill-punent ma' beni tal-familja [redacted] u billi l-attur rikonvenzjonat ingombra xi ambjenti minn din l-art u anke bena xi strutturi, ghandu jigi kkundannat inehhihom u billi dan l-agir qieghed jirreka danni lill-esponenti rikonvenzjonanti, l-attur rikonvenzjonat ghandu jigi kkundannat jirrisarcixxi d-danni, prevja likwidazzjoni skond il-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett, illi prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat, abbusivament u illegalment invada u approprja ruhu minn ambjenti formanti parti mill-beni immobiljari fil-limiti tar-Rabat jew l-Imgarr ta' Malta fil-hâra maghrufa bhala x-Xaghra tal-Ghattuqa inkluz ta' bicca art tal-kejl ta' *circa* disa' mija u disgha u disghjin metru kwadru (999m$^2$) liema art tikkonfina mill-majjistral ma' proprjeta tal-esponenti, mil-lvant ma' Triq Tas-Salib u mill-punent ma' beni tal-familja [redacted], liema beni llum jappartjenu lill-esponenti;

2. Tordna lill-attur rikonvenzjonant li jirripristina il-proprjeta tal-konvenuti rikonvenzjonanti ghall-istat li kienet fih qabel ma ghamel l-interventi tieghu inkluz kwalsiasi ordni li jista' jkun hemm bzonn sabiex inehhi kwalsiasi materjal li ddepozita fil-proprjeta tal-konvenuti rikonvenzjonanti;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-konvenuti rikonvenzjonanti sabiex jaghmlu dawk ix-xogholijiet li huma mehtiega a spejjez ta' l-istess attur rikonvenzjonant taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

4. Tordna lill-attur rikonvenzjonat jizgombra mill-proprjeta tal-konvenuti rikonvenzjonanti entro terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss;

5. Tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat unikament responsabbli ghad-danni li l-istanti sofrew b'konsegwenza tal-agir tal-attur rikonvenzjonat;

6. Tillikwida, bl-opera *occorrendo* ta' periti nominandi, id-danni li gew sofferti mill-istanti b'rizultat ta' l-agir tal-attur rikonvenzjonat;

7. Tordna lill-attur rikonvenzjonat jhallas l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghax kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. [redacted]

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Rik. Gur. Nru: 26/2017JPG
Appuntata: 22/3/2017

[redacted]

*vs*

[redacted] *et*

**Lista tax-Xhieda;**

L-esponenti ghall-konferma tal-fatti u sabiex jixhdu dwar il-mertu;

Ix-xhieda kollha indikati mill-attur sabiex jixhdu in kontro-ezami u bhala xhieda tal-esponenti dwar il-mertu;

Il-persuni kollha li l-esponenti akkwistaw proprjeta minghandhom inkluz [redacted] l-eredi ta' [redacted], isimhom mhux maghruf, u l-Avukat [redacted] ilkoll sabiex jixhdu dwar il-proprjeta mertu tal-kawza;

[redacted], li kienet is-sensara fin-negozju bejn l-attur u hutu u l-esponenti sabiex tixhed dwar l-iskambji li hi edotta minnhom;

Registratur, Qrati Civili u Tribunali sabiex jixhed dwar atti gudizzjarji li jirrigwardaw l-art mertu tal-kawza inkluz l-atti ta' bejn il-partijiet, l-atti tal-kawza ta' qasma u kawzi ohrajn li kien hemm dwar ix-Xaghra tal-Ghattuqa;

Qraba u hbieb tal-kontendenti sabiex jixhdu dwar il-mertu tal-kawza, inkluz iben l-Attur [redacted]; omm u missier l-esponenti [redacted] u cjoe [redacted] u [redacted]; missier l-esponenti [redacted], [redacted]; hut l-esponenti [redacted], [redacted] u [redacted], u habib tal-esponenti [redacted];

Persuni li ghamlu xogholijiet fil-proprjeta tal-esponenti, inkluz [redacted], [redacted], [redacted] u ohrajn isimhom mhux maghruf sabiex jixhdu dwar il-mertu tal-kawza;

Rapprezentanti tas-*service providers* tat-telefon sabiex jixhdu dwar telekomunikazzjonijiet bejn il-kontendenti;

In-Nutara [redacted], [redacted] u [redacted] jew il-konservatur tal-atti taghhom sabiex jixhdu dwar atti li jirrigwardaw l-art mertu tal-kawza;

Il-Perit [redacted] sabiex jixhed dwar il-mertu;

[redacted] sabiex jixhed dwar negozju fuq art fil-vicin;

Rapprezentanti tal-Awtorita tal-Ippjanar u tal-Awtorita tal-Ambjent sabiex jixhdu dwar il-proprjeta *de quo* u l-permessi relattivi;

Persuni li kienu jikru jew jonsbu fil-vicinanzi tal-proprjeta *de quo*.

Avv. John Bonello                    P.L. [redacted]

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Rik. Gur. Nru: 26/2017JPG
Appuntata: 22/3/2017

[redacted]

*vs*

[redacted] *et*

**Lista tad-Dokumenti;**

Dok. A — Konvenju tas-27 ta' Novembru 2014 li sar quddiem in-Nutar [redacted] sabiex jakkwistaw *farmhouse* u *circa* hamest (5) itmiem raba';

Dok. B — Kuntratt ta' Akkwist fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-24 ta' Novembru 2015 li bih l-eccipjenti akkwistaw minghand l-attur u ohrajn il-*farmhouse* maghrufa bhala "Saint Paul Farmhouse" gewwa d-Dwejra limiti tar-Rabat ta' Malta u bicca art ta' madwar tomna;

Dok. C — Kuntratt ta' Akkwist fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-24 ta' Novembru 2015 li bih l-eccipjenti akkwistaw minghand [redacted] u [redacted] konjugi [redacted] bicca art vicin il-*farmhouse* maghrufa bhala "Saint Paul Farmhouse";

Dok. D — Kuntratt ta' Akkwist fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-24 ta' Novembru 2015 li bih l-eccipjenti akkwistaw minghand [redacted] bicca art vicin il-*farmhouse* maghrufa bhala "Saint Paul Farmhouse";

Dok. E — Kuntratt ta' Akkwist fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-4 ta' Marzu 2016 li bih l-eccipjenti akkwistaw minghand [redacted] u [redacted] konjugi [redacted] bicca art ta' *circa* mitejn u tlieta u ghoxrin punt hamsa metri kwadri (223.5m$^2$) dejjem fl-istess inhawi;

Dok. F — Kuntratt ta' Akkwist fl-Atti tan-Nutar [redacted] tal-4 ta' Marzu 2016 li bih l-eccipjenti akkwistaw minghand [redacted] bicca art ta' *circa* tlitt mija u tmienja u hamsin punt sitta metri kwadri (358.6m$^2$) dejjem fl-istess inhawi;

Dok. G — Kuntratt ta' Akkwist fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-22 ta' Dicembru 2015 li bih l-eccipjenti akkwistaw minghand l-Ahwa [redacted] bicca art ta' *circa* disa' mija u disgha u disghin metru kwadru (999m$^2$) dejjem fl-istess inhawi;

Dok. H Kuntratt ta' Akkwist fl-Atti tan-Nutar [redacted] tat-22 ta' Frar 2016 li bih l-eccipjenti akkwistaw minghand l-Avukat [redacted] bicca art ta' *circa* disa' mija u disgha u disghin metru kwadru (999m$^2$) dejjem fl-istess inhawi, l-art li hi mertu tal-kawza;

Dok. I Kopja ta' ittra li ntbagthet mill-esponenti lil [redacted] liema ittra baqghet mhux imwiegba.

Avv. John Bonello P.L. [redacted]

Esponenti: [redacted]

Notifika: [redacted]